# *Il-Levita Martri li jgħaqqad iż-żewġ parroċċi*



**Noel Formosa**

Matul din is-sena l-parroċċa tagħna ta' San Lawrenz qed tiċċelebra l-125 sena mit-twaqqif tagħha. Huwa anniversarju importanti ħafna għaliex dan ifisser li b'mod uffiċjali San Lawrenz sar parroċċa. L-istorja tgħidilna li l-bżonn li din iż-żona, li kienet parti mill-Parroċċa Matriċi tal-Għarb issir parroċċa kien ilu jinħass. Il-komunità Lawrenzjana kienet ilha tinbena madwar id-diversi kappellel li kien hawn iddedikati lil San Lawrenz.

Il-bint tiċċelebra għeluq sninha u jekk ikun anniversarju partikolari tiċċelebrah aktar mis-soltu. L-omm mimlija bl-imħabba lejn bintha tifraħ meta tara lil bintha tiċċelebra. U hekk qed jiġri fiż-żewġ parroċċi matul din is-sena. San Lawrenz qed jiċċelebra għeluq sninu u l-Matriċi, il-Parroċċa tal-Għarb, tifraħ ma' bintha. L-Għarb hija t-tieni l-eqdem parroċċa ta' Għawdex. Tant hu hekk li ġiet imwaqqfa parroċċa fl-1679 meta kien beda jinħass il-bżonn li titwaqqaf parroċċa għall-punent ta' Għawdex.



Id-devozzjoni lejn San Lawrenz fil-Gżira Għawdxija tmur lura għal ħafna snin. Agius De Soldanis fil-ktieb tiegħu *Il Gozo Antico-Moderno e Sacro-Profano*, miktub fl-1746, jirrakkonta li l-anzjani ta' żmienu jgħidu li l-eqdem kappella fiċ-Ċittadella f'Għawdex kienet iddedikata lil San Lawrenz. Allura ma setax jonqos li d-devozzjoni lejn San Lawrenz xterdet ukoll lejn l-inħawi tal-punent ta' Għawdex. Huma diversi l-kappellel li huma dokumentati li eżistew fl-inħawi tagħna. L-aħħar waħda hija dik li fuq l-istess

art tagħha twaqqfet il-knisja li għandna llum u li kompliet tikber u tisbieħ mal-medda tas-snin.

Il-Festa ta' San Lawrenz, kull 10 ta' Awwissu, f'din il-kappella kienet tiġi ċċelebrata mill-Matriċi tal-Virtut għal snin twal. L-eqdem kappella hija attribwita għal Francesco Palmieri. Apparti li bena l-kappella ħalla wkoll biċċa raba' magħrufa bħala "Tal-Ħabel u "Tal-Blata" li mill-qliegħ tagħha kienet issir quddiesa u tqassim ta' erba' tmiem ħobż lill-foqra.

L-ewwel kappella dokumentata fl-inħawi tmur lura għall-Viżta Pastorali tal-Isqof Cubelles fl-1545. Din l-istess kappella terġa' tissemma fil-Viżta Pastorali ta' Mons. Pietru Dusina fl-1575. Fl-1657 fil-viżta tal-Isqof Michele Balaguer minħabba l-istat ħażin tagħha pprofonaha. Però, dan nissel entużjażmu fost l-abitanti tal-inħawi u dlonk reġgħu middew idejhom biex jibnu din il-kappella ddedikata lil-Levita, Martri. Ma' dan il-bini hemm tradizzjoni ħelwa li tirrakkonta miraklu. Id-diffikultà li kienu qed iħabbtu wiċċhom magħha l-bennejja minħabba n-nuqqas tal-ilma fl-inħawi wassal biex l-ilma kien jinġab mill-bogħod b'ħafna tbatija u aktar flus. Fil-qtiegħ il-qalb li din il-kappella titkompla, waqt li kienu qed iħaffru, l-abitanti stagħġbu mhux ftit meta nixxiegħa tal-ilma tfaċċat u b'hekk iffaċilitat it-tkomplija ta' din il-kappella. Minn data mnaqqxa mal-faċċata ta' din il-kappella tindika li din il-kappella tlestiet fl-1665. Nafu li f'din il-kappella kien hemm pitturi li jirrappreżentaw lill-Madonna, San Lawrenz bl-ilbies ta' Djaknu u lil San Ġużepp. Mill-minuti ta' diversi viżti pastorali nafu li din il-kappella ma kellhiex qassis tagħha imma nafu li Pawlu Cauchi kien sagristan.

Quddies matul is-sena kien rari, però kienu jsiru l-vespri lejliet il-festa ta' San Lawrenz u quddiesa nhar il-festa. Kienet issir purċissjoni mill-kleru u l-parruċċani tal-Għarb bħala wegħda li kienet saret lil Alla bl-interċessjoni ta' San Lawrenz li kien ħelishom minn invażjoni ta' ġrieden, u insetti li kienu invadew l-għelieqi tagħhom bil-konsegwenza tal-qerda tal-prodotti li kien ifisser l-għixien ta' kuljum. Minħabba t-tul ta' din il-purċissjoni u nimmaġina s-sħana, din il-purċissjoni kienet tieqaf f'diversi " stazzjonijiet" jiġifieri f'kappelli oħra mxerrda fl-inħawi.

Din il-kappella nistgħu ngħidu li serviet fil-veru sens tal-kelma bħala l-pedament tal-Knisja li għandna llum.

Il-bżonn kien ilu jinħass mhux biss ta' parroċċa imma fuq kollox ta' Knisja akbar. Kienet il-Missjoni l-Kbira tal-1886 li qallbet il-paġna biex din il-komunità Lawrenzjana li kienet issawret għal mijiet ta' snin ilu, fl-inħawi ta' Ċangura jew kif kienet magħrufa diġà dakinhar *Contrada San Lorenzo,* tieħu l-istatus ta' parroċċa. Il-knisja hija l-element l-aktar importanti ta' parroċċa. Il-flus kienu problema però dan ma qatax qalb in-nies tal-inħawi u anke benefatturi mhux mill-inħawi. Nafu li ċertu Pietru Pawl Galea mill-Belt Valletta offra 102 skudi. Barra l-flus, kulħadd xammar il-kmiem u ta d-daqqa t'id tiegħu biex il-knisja titlesta fl-inqas żmien possibbli. Kull nhar ta' Ħadd, l-irġiel, nisa u tfal li l-laqmijiet tagħhom għadhom jeżistu fost il-parroċċani Lawrenzjani ta' żmienna, b'entużajżmu kbir ħadmu biex mill-pedamenti tal-kappellel preċedenti jtellgħu l-knisja li qed isservi ta' parroċċa llum.

Dan wassal biex il-kontrada ta' San Lawrenz maqtugħa mill-Matriċi tal-Għarb b'bolla appostolika f'isem il-Papa Ljun XIII tiġi ddikjarata parroċċa fi żmien l-Isqof Giovanni Maria Camilleri, l-Arċipriet tal-Għarb Franġisku Saverju Debrincat u l-ewwel kappillan ta' San Lawrenz, Dun Salv Portelli.

**Sorsi ta' informazzjoni**


- Il Gozo Antico-Moderno e Sacro-*Profano* – Agius de Soldanis - 1746
- Descrizione storica delle Chiese di Malta e Gozo, - Achille Ferres - 1866
- Il-Missjoni l-Kbira tagħlaq mitt sena f' Għawdex – Joseph Bezzina - Ħajja f' Għawdex 1986
- San Lawrenz a small village with a Rich Culture – Pauline Mercieca -2000



